MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 208/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Louise Calleja)**

**Vs**

**Kevin Agius k/a Zahra ta' 31 sena, iben Joseph Agius k/a Zahra u Maria Victoria nee Attard, imwieled Pieta` fis-16 ta' Marzu 1978, residenti gewwa 171, Villambrosa Street, Hamrun u/jew 3, Triq Lapsi, il-Blokk tal-Mezzanini, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 187178(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kevin Agius k/a Zahra li gie akkuzat talli f'Hal-Luqa, f'xi hin bejn l-ghaxra u nofs ta' filghaxija (10.30pm) tas-26 ta' Frar 2010 u s-siegha u nofs (1.30am) ta' l-ghada filghodu tas-27 ta' Frar, 2010:

1) Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Valerie Catherine Camilleri kontra l-volonta' taghha.
2) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Valerie Catherine Camilleri.

U aktar talli f'Hal-Luqa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Marzu 2010 u fil-gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

3) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Valerie Catherine Camilleri, biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza;
4) Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' Valerie Catherine Camilleri b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal persuna ta' Valerie Catherine Camilleri u/jew persuni ohra;
5) Ingurja jew heded bil-fomm lil Valerie Catherine Camilleri.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-istess tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija

maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat u l-vittma ghandhom tfal minuri bejniethom u ghalhekk piena karcerarja effettiva mhijiex idoneja ghal dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(h), 202 (h)(iv), 207, 251B, 215A u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Valerie Catherine Camilleri u dan ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum, b'dan illi l-hati jkun awtorizzat jikkomunika ma l-imsemmija Valerie Catherine Camilleri fir-rigward tal-minuri uliedhom u anke in konnessjoni ma proceduri li jista' ikun hemm pendenti l-Qorti in konnessjoni ma l-istess minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------